**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru : 190/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax ta' Awissu tas-sena elfejn (28/8/2000);
2. Illi l-partijiet sseparaw bonarjament b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat disgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (29/09/2005) li gie awtorizzat mill-Onor. Imhallef J. Azzopardi Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
3. Illi l-partijiet ilhom vicin ghaxar snin jghixu separatament u m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba' snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi miz-zwieg tal-partijiet twieldu zewg ulied izda m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar il-manteniment;
5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mill-ligi biex jinghataw id-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien indikat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju, 2015;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Settembru 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.